

31997R2300

L 319/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.11.1997

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2300/97**ta' l-20 ta' Novembru 1997****dwar regoli ddettaljali sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 li jipprovdi regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' miżuri għat-titjib tal-produzzjoni u l-marketing ta' l-għasel**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 li jipprovdi regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' miżuri sabiex tittejjeb il-produzzjoni u l-bejgħ ta' l-għasel⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 1221/97 jipprovdi miżuri sabiex jittejjbu l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom huwa prodott u mibjugħ l-għasel fil-Komunità; billi l-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu programmi nazzjonali; billi huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi bażiċi li dawn il-programmi għandu jkun fihom u l-limitu taż-żmien għat-trażmissjoni tagħhom lejn il-Komunità;

Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lejn il-programmi nazzjonali għandha tkun ristretta, b'referenza għas-sehem ta' kull Stat Membru min-numru totali tal-ġarar tan-naħal fil-Komunità;

Billi l-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-programmi implimentati permezz ta' dan ir-Regolament; billi dawn il-miżuri ta' sorveljar għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni;

Billi, għalkemm miżuri inklużi fil-programmi li joperaw permezz ta' l-Oġġettivi 1, 5 (b) u 6 ma' jistgħux ikunu ffinanzjati permezz ta' dan ir-Regolament, lista ta' miżuri bħal dawn għandha wkoll tkun innotifikata lill-Kummissjoni;

Billi kriterji komuni għandhom ikunu stabbiliti sabiex ikun assigurat li l-istudji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1221/97 ikunu mwettqa b'mod konsistenti;

Billi għandhom ikunu adottati regoli biex jistabbilixxu r-rati ta' kambju agrikolu li għandhom jiġu applikati għall-iffinanzjar ta' programmi nazzjonali;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitati Amministrattivi tal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-programmi nazzjonali annwali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1221/97 (minn issa 'il quddiem irreferuti bħala "l-programmi") għandhom:

- (a) jiddeskrivu s-sitwazzjoni fis-settur; id-deskrizzjoni għandha tagħmilha possibbli li tkun aġġornata regolament l-informazzjoni strutturali fl-istudju li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1221/97;

- (b) tistqarr l-iskop tagħha;

- (c) tagħti deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri involuti, bl-ispejjeż għal kull unità fejn xieraq;

- (d) tistqarr l-estimi ta' l-ispejjeż u l-pjan għall-iffinanzjar fuq livell nazzjonali u reġjonali;

- (e) tirreferi għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi applikabbli;

- (f) telenka l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi u l-kooperattivi ta' daww li jrabbu n-naħal li kkollaboraw fit-tiegħja tal-programmi;

- (g) tipprovdi għall-arranġamenti ta' sorveljar u assessjar.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-programmi tagħhom qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena. Għall-ewwel sena din id-data għandha tkun il-15 ta' Diċembru 1997.

L-Artikolu 3

L-iffinanzjar parzjali mill-programmi tal-Komunità, kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1221/97, għandhom ikunu llimitati għal kull Stat Membru għall-ammont korrispondenti mas-sehem tiegħu min-numru totali tal-ġarar tan-naħal fil-Komunità, kif muri fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

B'dana kollu, jekk wieħed jew aktar mill-Istati Membri ma' jinnotifikawx il-programmi tagħhom matul il-limiti taż-żmien li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 2, jew ma' jużawx l-ammont kollu li jipprovdi l-iffinanzjar parzjali li hemm referenza għalih fl-ewwel paragrafu, l-ishma ta' l-Istati Membri l-oħra jistgħu jiġu miżjuda bi proporzjon mas-sehem tagħhom.

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, flimkien mal-programmi tagħhom, dokumenti li jispeċifikaw kif il-programmi għandhom ikunu ssorveljati. Il-verifiki ta' l-issorveljar għandhom ikunu ddisenjati sabiex jivverifikaw il-konformità mat-termini li permezz tagħhom tingħata l-għajna taħt il-programmi nazzjonali. Dawn għandhom jikkonsistu kemm f'miżuri amministrattivi kif ukoll f'verifiki fuq il-post.

⁽¹⁾ ĠU L 173, tal-1.7.1997, p. 1.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni il-lista ta' miżuri inklużi fil-programmi operazzjonali nazzjonali permezz ta' l-Oġġettivi 1, 5(b) u 6, qabel id-data stabbilita fl-Artikolu 2.

L-Artikolu 5

Ir-rata ta' kambju agrikola li għandha tkun applikata għall-ammont li hemm referenza għalih fl-Artikolu 3 għandha tkun ir-rata fis-seħħ fl-1 ta' Settembru tas-sena li fiha l-programm ikun innotifikat.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 20 ta' Novembru 1997.

L-Artikolu 6

L-istudji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1221/97 għandhom ikopru l-punti indikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

(1 000)

Stat Membru	Numru ta' ġarar tan- naħal
B	100
DK	85
D	1069
GR	1200
E	1753
F	1434
IRL	20
I	1100
L	10
NL	80
A	394
P	550
FIN	40
S	100
UK	200
EUR-15	8135

ANNEX II

STUDJU DWAR L-ISTRUTTURA TAS-SETTUR TA' L-GĦASEL

1. Ġarar tan-naħal u dawk li jrabbu n-naħal

Ġarar tan-naħal ta' dawk li jrabbu n-naħal b'mod professjonali:

Total ta' ġarar tan-naħal:

Dawk li jrabbu n-naħal b'mod professjonali (a):

Total ta' dawk li jrabbu n-naħal:

2. Strutturi tal-kummerċ

Produzzjoni (b): bejgħ dirett lejn il-konsumaturi

Bejgħ dirett lejn il-bejjiegħa bl-imnut

Bejgħ lejn is-suq għall-preparazzjoni/lejn in-negozjanti

Bejgħ lill-industrija

Importazzjoni: Bejgħ lin-negozjanti/għall-preparazzjoni tas-suq/għall-industrija

Esportazzjoni:

3. Prezzijiet

4. Spejjeż tal-produzzjoni u tal-preparazzjoni tas-suq

Spejjeż fissi:

Spejjeż varjabbli:

— Taqsim dettaljat jekk disponibbli li jkopri:

— l-ispejjeż ta' kontroll dwar id-dud varroa

— l-ogħti ta' għalf fix-xitwa

— ippakkjar (kontenituri)

— ċaqliq tan-naħal minn post għall-ieħor

5. Kwalità ta l-għasel

Ċertifikati ta' karattru speċifiku:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 ⁽¹⁾

Disenjażjoni ta' l-oriġini:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ⁽²⁾

Indikazzjoni ġeografika:

Ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92

Noti:

(a) Il-bniedem li jrabbi n-naħal b'mod professjonali huwa wieħed li għandu aktar min 150 ġarra tan-naħal.

(b) Meta possibli jekk jogħġbok indika t-tip ta' l-għasel u d-daqs tal-qasam.

⁽¹⁾ ĠU L 208, 24. 7. 1992, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 208, 24. 7. 1992, p. 1.